Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

MT

15573/14
(OR. en)

PRESSE 584
PR CO 58

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

It-3346 laqgħa tal-Kunsill

Affarijiet Barranin

Brussell, 17 u 18 ta' Novembru 2014

President	**Federica Mogherini** Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

L - I S T A M P A

Rue de la Loi 175 B – 1048 BRUSSELL Tel.: +32 (0)2 281 6319 Fax: +32 (0)2 281 8026
press.office@consilium.europa.eu http://www.consilium.europa.eu/press

Riżultati Prinċipali tal-Kunsill

L-**Ukraina** kienet il-fokus prinċipali tal-Kunsill Affarijiet Barranin. Il-Kunsill għal darb’oħra ħeġġeġ lill-partijiet kollha biex jimplimentaw b’mod sħiħ id-dokumenti ta’ Minsk. Huwa appella b’mod partikolari għar-rispett tal-waqfien mill-ġlied, l-irtirar tal-forzi illegali kollha u tat-tagħmir militari, kif ukoll għall-iżgurar tal-fruntiera Ukraina-Russja.

Il-Kunsill qal li l-elezzjonijiet tal-Ukraina fis-26 ta’ Ottubru kienu pass importanti fl-aspirazzjonijiet tal-Ukraina biex tikkonsolida l-iżvilupp demokratiku tagħha. Federica Mogherini, ir-Rappreżentant Għoli tal-UE għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, żiedet tgħid: "Għamilniha ċara wkoll li qed nitolbu lill-gvern il-ġdid biex jimpenja ruħu għal riformi interni billi dan huwa kruċjali sabiex jiġi garantit li l-appoġġ u l-assistenza tal-UE jkunu preżenti. Ser inżur Kiev hekk kif jiġi ffurmat il-gvern il-ġdid."

Wara li vvaluta s-sitwazzjoni fuq il-post, il-Kunsill appella lis-Servizz Ewropew lill-Azzjoni Esterna u lill-Kummissjoni biex jippreżentaw proposta dwar listi addizzjonali li jkollhom fil-mira s-separatisti.
Deċiżjoni hi mistennija sa' tmiem dan ix-xahar.

Il-Kunsill stabbilixxa wkoll l-1 ta’ Diċembru bħala d-data tat-tnedija tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-UE għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukraina (EUAM Ukraine). Il-missjoni ser tagħti konsulenza dwar ir-riformi fis-settur tas-sigurtà ċivili fl-Ukraina u ser tiggwida l-implimentazzjoni tar-riformi. Ir-Rappreżentant Għoli u l-Ministru għall-Affarijiet Barranin tal-Ukraina Pavlo Klimkin iffirmaw ukoll il-Ftehim dwar l-Istatus tal-Missjoni għal EUAM Ukraine.

Il-ministri tad-difiża tal-UE kellhom il-laqgħa tagħhom ta' kull sitt xhur fil-Kunsill. Huma ddiskutew **is-sitwazzjoni tas-sigurtà fil-viċinat usa' tal-UE** mas-Segretarjat Ġenerali tan-NATO Stoltenberg. Fil-konklużjonijiet, il-Kunsill saħaq li l-kunflitti li għaddejjin u l-instabbiltà fil-viċinat għadhom ta' tħassib kbir. Huwa tenna l-ħtieġa urġenti li l-UE u l-Istati Membri tagħha jitħallew jieħdu fuqhom aktar responsabbiltajiet bħala fornitur tas-sigurtà, fil-livell internazzjonali u fil-viċinat tal-UE.

WERREJ[1]

PARTEĊIPANTI 5

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

Ukraina 7

Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani 10

Ebola 12

Il-Balkani tal-Punent/Il-Bosnja-Ħerzegovina 15

Libja 15

Aġenzija Ewropea għad-Difiża - baġit 2015 15

Operazzjonijiet militari tal-UE 15

Sitwazzjoni tas-sigurtà fil-viċinat usa' tal-UE 15

Prospettivi tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni 16

PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI

AFFARIJIET BARRANIN

– Ġorġja - Pjan ta' Azzjoni dwar il-Liberalizzazzjoni tal-Viża 21

– Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ġorġja 21

– Relazzjonijiet mal-Ġorġja u r-Repubblika tal-Moldova 21

– Ukraina - miżuri restrittivi 22

– Kunsill ta' Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Repubblika Kirgiża 22

[1]
- Meta dikjarazzjonijiet, konklużjonijiet jew riżoluzzjonijiet ikunu ġew adottati formalment mill-Kunsill, dan ikun indikat fl-intestatura tas-suġġett ikkonċernat u t-test jitqiegħed bejn il-virgoletti.
- Id-dokumenti li r-referenzi tagħhom jingħataw fit-test qegħdin fis-sit tal-Internet tal-Kunsill http://www.consilium.europa.eu.
- Atti adottati b'dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill li jkunu jistgħu jinħarġu għall-pubbliku huma indikati b'asterisk; dawn id-dikjarazzjonijiet qegħdin fuq is-sit tal-Internet tal-Kunsill imsemmi hawn fuq jew jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Istampa.

POLITIKA TA' SIGURTÀ U TA' DIFIŻA KOMUNI

– Missjoni ta’ konsulenza tal-UE għall-Ukraina 23

– Kapaċitajiet militari tal-UE 23

– Rapport mill-Kap tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża 23

– Qafas ta' Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża 23

– Qafas ta' Politika għall-Kooperazzjoni Sistematika u fit-Tul fil-Qasam tad-Difiża 23

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

– It-42 laqgħa tal-Kunsill ŻEE 24

PARTEĊIPANTI

Rappreżentant Għoli	
Is-Sinjura Federica MOGHERINI	Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà
Belġju:	
Is-Sur Didier REYNDERS	Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin, il-Kummerċ Estern u l-Affarijiet Ewropej
Is-Sur Steven VANDEPUT	Ministru għad-Difiża, responsabbli għas-Servizz Pubbliku
Bulgarija:	
Is-Sur Daniel MITOV	Ministru għall-Affarijiet Barranin
Is-Sur Nikolay NENCHEV	Ministru għad-Difiża
Repubblika Ċeka:	
Is-Sur Lubomir ZAORÁLEK	Ministru għall-Affarijiet Barranin
Is-Sur Martin STROPNICKÝ	Ministru għad-Difiża
Danimarka:	
Is-Sur Martin LIDEGAARD	Ministru għall-Affarijiet Barranin
Is-Sur Nicolai WAMMEN	Ministru għad-Difiża
Ġermanja:	
Is-Sur Frank-Walter STEINMEIER	Ministru Federali għall-Affarijiet Barranin
Is-Sinjura Ursula VON DER LEYEN	Ministru Federali għad-Difiża
Estonja:	
Is-Sur Matti MAASIKAS	Rappreżentant Permanenti
Is-Sur Lembit UIBO	Ambaxxatur, Rappreżentant għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà
Irlanda:	
Is-Sur Charles FLANAGAN	Ministru għall-Affarijiet Barranin u l-Kummerċ
Is-Sur Simon COVENEY	Ministru għad-Difiża
Greċja:	
Is-Sur Evangelos VENIZELOS	Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin
Is-Sinjura Fotini GENNIMATA	Viċi Ministru għad-Difiża
Spanja:	
Is-Sur José Manuel GARCIA-MARGALLO Y MARFIL	Ministru għall-Affarijiet Barranin u l-Kooperazzjoni
Is-Sur Pedro MORENÉS EULATE	Ministru għad-Difiża
Franza:	
Is-Sur Harlem DÉSIR	Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Ewropej
Is-Sur Jean-Yves LE DRIAN	Ministru għad-Difiża
Kroazja:	
Is-Sinjura Vesna PUSIĆ	L-ewwel Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej
Is-Sur Ante KOTROMANOVIĆ	Ministru għad-Difiża
Italja:	
Is-Sur Paolo GENTILONI	Ministru għall-Affarijiet Barranin
Is-Sinjura Roberta PINOTTI	Ministru għad-Difiża
Ċipru:	
Is-Sur Ioannis KASOULIDES	Ministru għall-Affarijiet Barranin
Is-Sur Christoforos FOKAIDES	Ministru għad-Difiża
Latvja:	
Is-Sur Edgars RINKĒVIČS	Ministru għall-Affarijiet Barranin
Is-Sur Andrejs PANTEĻĒJEVS	Segretarju Parlamentari tal-Ministeru tad-Difiża

Il-Litwanja:	
Is-Sur Linas A. LINKEVIČIUS	Ministru għall-Affarijiet Barranin
Is-Sur Juozas OLEKAS	Ministru għad-Difiża Nazzjonali
Lussemburgu:	
Is-Sur Jean ASSELBORN	Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej, Ministru għall-Immigrazzjoni u l-Asil
Is-Sur Etienne SCHNEIDER	Viċi Prim Ministru, Ministru tal-Ekonomija, Ministru għas-Sigurtà Interna, Ministru tad-Difiża
Ungerija:	
Is-Sur Peter SZIJJÁRTÓ	Ministru għall-Affarijiet Barranin u l-Kummerċ
Is-Sur Csaba HENDE	Ministru għad-Difiża
Malta:	
Is-Sur George VELLA	Ministru għall-Affarijiet Barranin
Is-Sinjura Marlene BONNICI	Rappreżentant Permanenti
Olanda:	
Is-Sur Bert KOENDERS	Ministru għall-Affarijiet Barranin
Is-Sinjura Jeanine HENNIS-PLASSCHAERT	Ministru għad-Difiża
Awstrija:	
Is-Sur Sebastian KURZ	Ministru Federali għall-Ewropa, l-Integrazzjoni u l-Affarijiet Barranin
Is-Sur Gerald KLUG	Ministru Federali għad-Difiża u l-Isport
Polonja:	
Is-Sur Grzegorz SCHETYNA	Ministru għall-Affarijiet Barranin
Is-Sur Tomasz SIEMONIAK	Viċi Prim Ministru, Ministru għad-Difiża
Portugall:	
Is-Sur Rui MACHETE	Ministru għall-Istat, Ministru għall-Affarijiet Barranin
Is-Sur José Pedro AGUIAR BRANCO	Ministru għad-Difiża
Rumanija:	
Is-Sur George CIAMBA	Segretarju tal-Istat, Ministeru għall-Affarijiet Barranin
Is-Sur Valeriu NICUȚ	Segretarju tal-Istat għall-Politika tad-Difiża u l-Ippjanar
Slovenja:	
Is-Sur Karl ERJAVEC	Viċi Prim Ministru, Ministru għall-Affarijiet Barranin
Is-Sur Janko VEBER	Ministru għad-Difiża
Slovakkja:	
Is-Sur Miroslav LAJČÁK	Viċi Prim Ministru, Ministru għall-Affarijiet Barranin
Is-Sur Ľubomír ČAŇO	Ambaxxatur, Rappreżentant għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà
Finlandja:	
Is-Sur Erkki TUOMIOJA	Ministru għall-Affarijiet Barranin
Is-Sur Carl HAGLUND	Ministru għad-Difiża
Svezja:	
Is-Sinjura Margot WALLSTRÖM	Ministru għall-Affarijiet Barranin
Is-Sur Peter HULTQVIST	Ministru għad-Difiża
Renju Unit:	
Is-Sur Philip HAMMOND	Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Barranin u l-Commonwealth (Segretarju tal-Affarijiet Barranin)
Is-Sur Julian BRAZIER	Ministru għar-Riżervi

Kummissjoni:	
Is-Sur Johannes HAHN	Membru
Is-Sur Christos STYLIANIDES	Membru
Is-Sinjura Elżbieta BIEŃKOWSKA	Membru
Is-Sur Neven MIMICA	Membru

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

Ukraina

Il-Kunsill kellu diskussjoni profonda dwar is-sitwazzjoni fl-Ukraina, inkluż dwar il-prospetti għal proċess tal-paċi, riformi wara l-elezzjonijiet riċenti u r-reazzjoni tal-UE għall-avvenimenti attwali.

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet li ġejjin:

"1. Filwaqt li jfakkar fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-24 ta' Ottubru 2014 u tal-KAB tal-20 ta' Ottubru 2014, il-Kunsill itenni l-appoġġ tal-UE għall-Protokoll u l-Memorandum ta' Minsk, bħala pass lejn soluzzjoni politika sostenibbli tal-kriżi, li teħtieġ li tkun imsejsa fuq ir-rispett tal-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukraina. Allarmat bil-bumbardament qawwi reċenti u minn rapporti dwar konvojs li qed jidħlu fiż-żoni f'idejn is-separatisti b'ammonti sostanzjali ta' armi tqal, tankijiet u truppi mingħajr insinja minn wara l-fruntiera Russa, huwa jħeġġeġ lill-partijiet kollha jimplimentaw b'mod sħiħ il-Protokoll u l-Memorandum ta' Minsk malajr u mingħajr aktar dewmien. Għal darb'oħra jerġa' jissottolinja r-responsabbiltà tal-Federazzjoni Russa f'dan il-kuntest. Il-Kunsill jappella b'mod partikolari għall-waqfien mill-ksur kontinwu tal-waqfien mill-ġlied, l-irtirar tal-forzi illegali u barranin kollha, il-merċenarji kollha u t-tagħmir militari kollu, kif ukoll għall-iżgurar tal-fruntiera bejn l-Ukraina u r-Russja b'monitoraġġ permanenti mill-OSKE.

2. Il-Kunsill jilqa' l-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet parlamentari nazzjonali fl-Ukraina fis-26 ta' Ottubru, li kienu pass importanti fl-aspirazzjonijiet tal-Ukraina biex tikkonsolida l-iżvilupp demokratiku tagħha f'konformità mal-impenji internazzjonali tagħha. Il-Kunsill jistenna bil-ħerqa l-formazzjoni urġenti ta' Gvern ġdid. Fuq il-bażi tal-eżitu tal-elezzjonijiet għandu jitfittex kunsens nazzjonali wiesa' bil-ħsieb li jiġu intensifikati r-riformi politiċi u ekonomiċi ferm meħtieġa fl-Ukraina, inkluż ir-riforma kostituzzjonali, id-deċentralizzazzjoni, ir-riforma tal-ġudikatura, l-infurzar tal-liġi, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-iżgurar tad-drittijiet tal-persuni li huma membri ta' minoranzi nazzjonali. Djalogu nazzjonali inkluživ imġedded, fil-pajjiż kollu, dwar ir-riformi ser ikun importanti biex jiġu konsolidati l-għaqda u l-koeżjoni interna tal-Ukraina.

3. L-Unjoni Ewropea tqis l-organizzazzjoni ta' "elezzjonijiet presidenzjali u parlamentari" fir-"Repubbliki Popolari" ta' Donetsk u Luhansk fit-2 ta' Novembru bħala illegali u illeġittima u mhux ser tirrikonoxxihom. Dawn l-hekk imsejħa "elezzjonijiet" imorru kontra l-ittra u l-ispirtu tal-Protokoll ta' Minsk. Hija tappella lir-Russja biex iġġorr ir-responsabbiltà tagħha f'dan ir-rigward. Il-partijiet kollha għandhom jaħdmu favur elezzjonijiet lokali bikrin f'dawn il-partijiet tar-reġjuni ta' Donetsk u Luhansk skont il-liġi Ukraina, kif previst fil-Protokoll ta' Minsk, bħala l-uniku mod legali u leġittimu ta' tiġdid tal-mandat demokratiku tal-awtoritajiet lokali.

4. Wara li vvaluta s-sitwazzjoni fuq il-post, il-Kunsill jappella lis-SEAE u lill-Kummissjoni biex jippreżentaw proposta għal deċiżjoni sal-aħħar ta' dan ix-xahar dwar elenkar addizzjonali mmirat lejn is-separatisti. Il-Kunsill ser ikompli jsegwi mill-qrib is-sitwazzjoni fuq il-post u ser jaġixxi skont din.

5. Biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-impenji meħuda mill-partijiet skont il-ftehimiet ta' Minsk, il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa għall-intensifikazzjoni tat-taħditiet fil-qafas tal-Grupp ta' Kuntatt Trilaterali, bl-appoġġ tar-rappreżentant tal-Presidenza Attwali tal-OSKE, u jappella lill-parteċipanti kollha kkonċernati biex jinvolvu ruħhom b'mod attiv u kostruttiv. Il-Kunsill itenni r-rwol importanti tal-Missjoni Speċjali ta’ Monitoraġġ tal-OSKE fl-implimentazzjoni tal-Protokoll ta' Minsk u tal-Memorandum ta’ Minsk u l-ħtieġa li l-Missjoni tiġi pprovduta bir-riżorsi meħtieġa biex tikkonforma ma’ dawn il-kompiti. Ifakkar lill-partijiet kollha kkonċernati dwar ir-responsabbiltà tagħhom għal ambjent sikur għall-persuni mill-OSKE li jkunu qed iwettqu l-monitoraġġ u t-tagħmir tal-OSKE, inklużi Inġenji tal-Ajru mingħajr Ekwipaġġ. L-UE u l-Istati Membri jinsabu lesti biex jipprovdu aktar appoġġ finanzjarju u mhux finanzjarju lill-Missjoni Speċjali ta' Monitoraġġ (MSM) tal-OSKE. Il-Kunsill itenni wkoll l-appoġġ tiegħu għall-espansjoni u l-estensjoni malajr tal-Missjoni ta' Osservazzjoni tal-OSKE fil-punti ta' kontroll Russi. Il-kontroll sħiħ u effettiv mill-Ukraina tal-fruntieri tagħha huwa essenzjali u l-Kunsill jappella lir-Russja biex tirrispettah.

6. Il-Kunsill jilqa' l-aċċess reċenti nnegozjat mill-OSKE għas-sit tat-tiġrif tal-MH17 li ppermetta r-ripatrijazzjoni tal-fdalijiet u l-oġġetti personali tal-vittmi kif ukoll l-irkupru tat-tifrik. Il-Kunsill itenni l-appell tiegħu lill-Istati u l-atturi kollha involuti biex jiżguraw aċċess sħiħ, sikur u mingħajr restrizzjonijiet għas-sit, biex jippermettu t-tlestija tal-ħidma ta' ripatrijazzjoni, irkupru u investigazzjoni, u biex jipprovdu kooperazzjoni sħiħa mal-investigazzjonijiet internazzjonali indipendenti li għaddejjin tal-kawża tat-tiġrif u l-identità ta' dawk responsabbli. Huwa essenzjali li tiġi salvagwardjata l-integrità ta' dawn l-investigazzjonijiet internazzjonali. Il-Kunsill jisħaq li dawk li huma direttament jew indirettament responsabbli għat-twaqqigħ tal-MH17 ser jinżammu responsabbli u ser jitressqu quddiem il-qrati.

7. Il-Kunsill qed isegwi bi tħassib kbir l-impatt umanitarju tal-kunflitt fil-Lvant tal-Ukraina u l-għadd dejjem jikber ta' persuni milquta. L-UE tappella lill-partijiet kollha għall-kunflitt biex iħarsu l-liġi u l-prinċipji umanitarji internazzjonali biex jipproteġu lill-popolazzjoni ċivili u l-infrastruttura mill-ġlied u biex jiffaċilitaw il-ħidma tal-organizzazzjonijiet umanitarji internazzjonali. L-impatt umanitarju tal-kunflitt fuq il-popolazzjoni ċivili m’għandux jiġi sfruttat għal finijiet politiċi jew militari. L-assistenza għandha tingħata permezz tal-mezzi xierqa bi ftehim mal-awtoritajiet Ukraini. Il-Kunsill jissottolinja l-bżonn li tibqa' tiġi mobilizzata l-assistenza tal-UE u internazzjonali, inkluż għal ħtiġijiet umanitarji u ta' rkupru fuq perijodu qasir. Jilqa' r-rwol tal-Kummissjoni u tas-SEAE fil-faċilitazzjoni u t-tisħiħ tal-koordinazzjoni tal-assistenza tal-UE. Il-Kunsill jilqa' l-adozzjoni tal-liġi dwar Persuni Spostati f'Pajjiżhom mill-Verkhovna Rada u jistenna li l-liġi tiġi ffirmata u implimentata bħala kwistjoni ta' prijorità. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-awtoritajiet Ukraini biex jieħdu azzjonijiet deċiżivi biex jadattaw il-qafas legali u amministrattiv sabiex ikun aktar faċli li tingħata assistenza internazzjonali.

8. Filwaqt li jilqa' l-isforzi tal-missjonijiet internazzjonali biex jissorveljaw is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-Kunsill itenni t-tħassib serju tiegħu dwar l-iżviluppi ferm inkwetanti fil-Lvant tal-Ukraina u fuq il-peniżola tal-Krimea, partikolarment il-persekuzzjoni u l-intimidazzjoni kontinwi tal-komunità Tatar tal-Krimea. Il-Kunsill itenni l-appell tiegħu lill-partijiet kollha biex jagħtu, lill-atturi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, aċċess sħiħ, ħieles u mingħajr restrizzjonijiet għat-territorju kollu tal-Ukraina, inklużi l-Krimea u Sevastopol, li l-annessjoni illegali tagħhom l-UE tikkundannaha u mhux ser tirrikonoxxiha. Il-Kunsill itenni l-impenn tiegħu li jimplimenta b'mod sħiħ il-politika tiegħu li ma jirrikonoxxix l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol inkluż permezz ta’ azzjonijiet oħra fil-kuntest ta’ din il-politika.

9. Il-Kunsill jilqa' t-tnedija tal-applikazzjoni proviżorja ta' partijiet importanti tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukraina mill-1 ta' Novembru 2014 u jfakkar li proċess ta' riforma msaħħaħ, li jinkludi t-tħejjija adegwata għall-implimentazzjoni futura tat-Titolu IV tal-Ftehim, ser ikun kruċjali għall-assoċjazzjoni politika u l-integrazzjoni ekonomika tal-Ukraina mal-UE. Il-Kunsill jappella lill-Gvern tal-Ukraina biex jaċċelera l-implimentazzjoni tar-riformi u jtenni li l-UE tinsab lesta, f'koordinazzjoni ma' donaturi u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn, tappoġġa l-implimentazzjoni tal-pakkett komprensiv ta' riforma kif ukoll il-bini mill-ġdid tal-ekonomija tal-Ukraina.

10. Filwaqt li jissottolinja l-importanza ta' provvisti tal-enerġija mingħajr xkiel ibbażati fuq kuntratti kummerċjali mir-Russja lejn l-Ewropa, il-Kunsill jilqa' l-ftehim li ntlaħaq fit-30 ta' Ottubru dwar pakkett għax-xitwa għall-konsenja ta' gass mir-Russja għall-Ukraina sa tmiem Marzu 2015, wara diversi xhur ta' negozjati f'format trilaterali. L-implimentazzjoni ta' dan il-ftehim għandha żżid is-sigurtà tal-provvista tal-gass għall-Ukraina u ċ-ċittadini tagħha kif ukoll tiżgura transitu stabbli, suffiċjenti u mingħajr xkiel ta' gass lejn l-Ewropa din ix-xitwa. F'dan il-kuntest l-interkonnessjonijiet u l-flussi ta' gass fid-direzzjoni opposta mingħand l-Istati Membri kkontribwixxew b'mod konsiderevoli għas-sigurtà tal-enerġija tal-Ukraina. L-Ukraina xorta ser ikollha bżonn timplimenta riforma fis-settur tal-enerġija, inklużi miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija u miżuri oħrajn identifikati biex titnaqqas id-domanda tal-enerġija fuq perijodu qasir. Il-Kunsill itenni wkoll l-inkoraġġiment tiegħu lill-Gvern tal-Ukraina biex jimxi aktar 'il quddiem bir-ristrutturar tas-settur tal-gass naturali.

11. Il-Kunsill jilqa' l-iffirmar tal-Ftehim dwar l-istatus tal-Missjoni Konsultattiva tal-Unjoni Ewropea bħala sinjal tar-rieda kontinwa tal-Gvern Ukrain li jindirizza r-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili b'mod urġenti u effettiv. Ser tkun essenzjali kollaborazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet Ukraini rispettivi biex jittieħed vantaġġ sħiħ mill-appoġġ tal-UE għall-Ukraina fl-implimentazzjoni tar-riformi kritiċi. Il-Kunsill itenni l-importanza ta' koordinazzjoni u ta' koerenza bejn l-isforzi kollha tal-UE, mal-OSKE, u ma' atturi internazzjonali oħrajn."

Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani

Waqt l-ikla ta' nofsinhar, il-ministri kellhom skambju ta' fehmiet dwar l-aħħar żviluppi fil-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani, wara ż-żjara tar-Rappreżentant Għoli fir-reġjun.

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet li ġejjin:

"1. L-UE hi serjament imħassba dwar it-tensjoni li qed tikber u l-vjolenza dejjem akbar fil-post. Hi tikkundanna l-attakki terroristiċi reċenti kollha u tesprimi l-kondoljanzi tagħha għat-telf tal-ħajjiet. Hi tħeġġeġ lill-partijiet kollha biex jibqgħu lura minn kwalunkwe azzjoni li tista' taggrava s-sitwazzjoni permezz ta' inċitament, provokazzjoni, użu eċċessiv ta' forza jew ritaljazzjoni. L-UE tappella lill-mexxejja politiċi minn kull naħa biex jaħdmu flimkien permezz ta' azzjonijiet viżibbli biex titnaqqas it-tensjoni mis-sitwazzjoni. F'dan ir-rigward, l-UE hi partikolarment ikkonċernata rigward żviluppi inkwetanti u konflitti vjolenti rikorrenti f'Haram al- Sharif / l-Għolja tat-Tempju. L-UE tagħmel appell għal rispett sħiħ għas-Siti Mqaddsa. Kull bidla fl-istatus quo jkollha effetti kbar ta' destabbilizzazzjoni. L-UE tirrikonoxxi b'mod sħiħ ir-rwol tal-Ġordan bħala Kustodju tas-Siti Mqaddsa Musulmani f'Ġerusalemm u tilqa' b'sodisfazzjon il-laqgħa tripartitika f'Amman fit-13 ta' Novembru bejn ir-Re Abdullah, is-Segretarju tal-Istat John Kerry u l-Prim Ministru Netanyahu fejn intlaħaq qbil dwar passi konkreti biex tiġi kkalmata s-sitwazzjoni. L-UE tistenna b'interess l-implimentazzjoni rapida u effettiva ta' dawn il-miżuri.

2. Għandhom jiġu evitati azzjonijiet li jqajmu dubji dwar l-impenji ddikjarati għal soluzzjoni negozjata. L-UE tiddeplora b'mod profond u topponi b'mod qawwi l-esproprjazzjoni reċenti ta' art qrib Betlem, it-tħabbiriet reċenti ta' pjani rigward il-kostruzzjoni ta' akkomodazzjoni ġdida għall-insedjamenti, b'mod partikolari f'Givat Hamatos, Ramat Shlomo, Har Homa u Ramot, kif ukoll pjani għall-ispostament ta' Bedwini fix-Xatt tal-Punent u l-qerdiet kontinwi, inkluż ta' proġetti ffinanzjati mill-UE u l-Istati Membri. Hi tħeġġeġ lill-Iżrael biex jirtira dawn id-deċiżjonijiet li jmorru kontra d-dritt internazzjonali u jheddu direttament lis-soluzzjoni ta' żewġ stati. L-attività reċenti marbuta mal-insedjament f'Ġerusalemm tal-Lvant tipperikola serjament il-possibbiltà li Ġerusalemm isservi ta' kapital għaż-żewġ stati fil-ġejjieni. Filwaqt li jfakkru li skont id-dritt internazzjonali, l-insedjamenti huma illegali, l-UE u l-Istati Membri tagħha jibqgħu impenjati li jiżguraw implimentazzjoni kontinwa, sħiħa u effettiva ta' leġislazzjoni eżistenti tal-UE u arranġamenti bilaterali applikabbli għall-prodotti mill-insedjamenti. L-UE tissorvelja mill-qrib is-sitwazzjoni u l-implikazzjonijiet usa' tagħha u tibqa' lesta li tieħu aktar azzjoni sabiex tiġi protetta l-vijabbiltà tas-soluzzjoni ta' żewġ stati.

3. L-UE tissottolinja t-tħassib tagħha rigward is-sitwazzjoni umanitarja terribbli fl-Istrixxa ta' Gaża, li għadha trid tiġi indirizzata adegwatament, billi jerġgħu jiġu stabbiliti infrastruttura u servizzi bażiċi. Hi tilqa' b'interess l-impenji tal-komunità internazzjonali lejn il-bini mill-ġdid ta' Gaża. Fid-dawl tal-ħtiġijiet urġenti tal-poplu ta' Gaża, dawn l-impenji kollha għandhom jiġu onorati rapidament. L-UE tħeġġeġ lill-partijiet biex jimplimentaw b'mod sħiħ il-mekkaniżmu temporanju għall-monitoraġġ u l-verifika tal-materjal għar-rikostruzzjoni negozjat min-Nazzjonijiet Uniti, l-Iżrael u l-Awtorità Palestinjana, bħala pass importanti lejn il-ftuħ urġenti u meħtieġ tal-punti ta' qsim kollha. Filwaqt li ħadet nota pożittiva tat-trasferimenti ta' darba reċenti ta' prodotti agrikoli u ħut minn Gaża għax-Xatt tal-Punent, l-UE enfasizzat l-importanza ta' bidla fil-politika Iżraeljana li tippermetti li Gaża twettaq kummerċ b'mod normali u fuq bażi permanenti.

4. L-UE tappella għal bidla fundamentali tas-sitwazzjoni politika, ta' sigurtà u ekonomika fl-Istrixxa ta' Gaża, inkluż it-tmiem tal-għeluq. Il-partijiet għandhom jagħmlu progress urġenti lejn waqfien mill-ġlied dejjiemi, abbażi tal-ftehim tagħhom fil-Kajr, fis-26 ta' Awwissu, biex jintlaħaq qbil li jtemm l-għeluq ta' Gaża u jindirizza t-tħassib leġittimu ta' Iżrael fir-rigward tas-sigurtà. Li s-sitwazzjoni terġa' lura għall-istatus quo ta' qabel l-aktar konflitt reċenti mhijiex alternattiva. L-UE tinsab lesta li jkollha rwol ewlieni fl-isforzi internazzjonali b'appoġġ għal waqfien mill-ġlied dejjiemi, inkluż permezz tar-riattivazzjoni rapida u tal-estensjoni possibbli fl-ambitu u l-mandat tal-missjonijiet EUBAM Rafah u l-EUPOL COPPS tagħha. L-UE tħeġġeġ lill-partijiet kollha rilevanti biex joħolqu l-kondizzjonijiet li jippermettu li jkollha rwol ta' dan it-tip.

5. L-UE tappoġġa l-isforzi tal-gvern Palestinjan li jgawdi minn kunsens nazzjonali u l-President Abbas u tinkoraġġixxi bis-sħiħ lill-Awtorità Palestinjana biex tassumi progressivament il-funzjoni governattiva tagħha fl-Istrixxa ta' Gaża, inkluż fil-qasam tas-sigurtà, l-amministrazzjoni ċivili u permezz tal-preżenza tagħha fil-punti ta' qsim ta' Gaża. L-UE tilqa' l-ewwel laqgħa tal-kabinett li saret f'Gaża bħala pass pożittiv u tħeġġeġ lill-fazzjonijiet Palestinjani kollha biex itemmu d-diviżjonijiet interni. L-UE tinsab imħassba fir-rigward tal-attakki reċenti bil-bombi kontra persuni li jmexxu l-Fatah f'Gaża.

6. Is-sitwazzjoni insostenibbli f'Gaża, iż-żieda reċenti tal-vjolenza f'Ġerusalemm, u l-kuntest reġjonali li sejjer għall-agħar jissottolinjaw il-ħtieġa għal paċi komprensiva, li ttemm kull pretensjoni u tissodisfa l-aspirazzjonijiet leġittimi taż-żewġ partijiet, inkluż dawk tal-Iżraeljani għas-sigurtà u dawk tal-Palestinjani għal Stat Palestinjan. L-UE tilqa’ l-isforzi mġedda tas-Segretarju tal-Istat Kerry biex jgħinu lill-partijiet jerġgħu lura madwar il-mejda u tappella lill-partijiet u lill-partijiet ikkonċernati ewlenin kollha, inkluż il-Kwartett, il-Lega tal-Istati Għarab u l-KSNU, biex jieħdu l-passi neċessarji għal dan l-għan. F'dan ir-rigward, l-UE tafferma mill-ġdid l-interess strateġiku tagħha li jintemm il-konflitt u tinsab lesta li jkollha rwol prinċipali u li tikkontribwixxi b'mod attiv għal soluzzjoni negozjata tal-kwistjonijiet kollha marbutin mal-istatus finali; hi tfakkar fil-parametri maqbula fil-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Lulju 2014. L-UE tilqa' b'sodisfazzjoni ż-żjara bikrija lejn ir-reġjun tar-Rappreżentant Għoli/Viċi President tal-Kummissjoni Federica Mogherini, filwaqt li tissottolinja l-involviment tagħha u dak tal-UE f'din il-kwistjoni ta' prijorità.

L-UE tfakkar li l-iżvilupp futur tar-relazzjonijiet kemm mas-sħab Iżraeljani kif ukoll ma' dawk Palestinjani ser jiddependi wkoll mill-impenn tagħhom lejn paċi dejjiema bbażata fuq soluzzjoni ta' żewġ stati."

Ebola

Il-Kunsill ġie infurmat mill-koordinatur tal-UE għall-Ebola Christos Stylianides dwar il-prijoritajiet tiegħu u dwar is-sejbiet tal-missjoni tiegħu flimkien mal-Kummissarju tas-Saħħa Vytenis Andriukaitis fil-pajjiżi affettwati fl-Afrika tal-Punent.

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet li ġejjin:

"1. L-Unjoni Ewropea (UE) tibqa' mħassba ferm dwar it-tixrid tal-virus tal-Ebola li għadu qed joqtol in-nies fil-Ginea, Sjerra Leone u l-Liberja, u li qed iħalli effetti profondi fir-reġjun tal-Afrika tal-Punent u lil hinn minnu. Hija tesprimi wkoll it-tħassib tagħha dwar il-każijiet ġodda kkonfermati f'Mali. Hija tirrikonoxxi l-isforz komprensiv nazzjonali, reġjonali u internazzjonali mingħajr preċedent bil-għan li l-marda tiġi miġġielda u tafferma mill-ġdid l-impenn qawwi tagħha sabiex saħansitra ssaħħaħ aktar ir-rispons tagħha biex l-epidemija tiġi mrażżna, miġġielda u eventwalment ikkontrollata.

2. L-UE tirrikonoxxi l-isforzi erojċi tal-aġenti nazzjonali u internazzjonali tas-saħħa li jintervjenu, tagħti ġieħ lil dawk li ssagrifikaw ħajjithom fl-isforz li titwaqqaf il-marda u tenfasizza l-importanza li tiġi evitata l-istigmatizzazzjoni tal-persunal tas-saħħa mal-wasla lura. Il-Kunsill jenfasizza li l-aġenti tas-saħħa li jintervjenu jridu jiġu appoġġati fil-livelli kollha, mill-istituzzjonijiet pubbliċi, is-soċjetajiet u l-entitajiet privati, sabiex jiġi żgurat li dawn jistgħu joperaw b'mod effettiv fil-pajjiżi milquta u mal-wasla lura tagħhom.

3. Il-Kunsill ikompli jirrikonoxxi li jinħtieġ sforz magħqud, koordinat u akbar sabiex titrażżan it-tifqigħa u tingħata l-assistenza meħtieġa u xierqa lill-pajjiżi milquta u lill-pajjiżi ġirien.

4. L-Unjoni Ewropea tappoġġa b'mod sħiħ lill-Gvernijiet tal-pajjiżi kkonċernati, kif ukoll ir-rwol ta' koordinazzjoni ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) fir-rigward tal-assistenza internazzjonali b'rispons għal kriżi tal-Ebola, inkluż ir-rwol ta' Franza, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti lit-tliet pajjiżi l-aktar affettwati. Hija tilqa' wkoll l-mobilizzazzjoni dejjem tikber tal-pajjiżi u l-organizzazzjonijiet Afrikani. L-UE tilqa' l-approvazzjoni mill-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern tal-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika tal-Punent (ECOWAS) fir-rigward tal-Pjan Operazzjonali Integrat Reġjonali ta' Rispons għall-Marda tal-Virus tal-Ebola matul is-Summit Straordinarju li sar f'Akkra fis-6 ta' Novembru. L-UE tistenna b'interess l-implimentazzjoni bikrija tiegħu u hija lesta li tappoġġa rwol imsaħħaħ tar-reġjun fil-ġlieda kontra l-epidemija billi ssaħħaħ il-koordinazzjoni tagħha mal-ECOWAS u l-Istati Membri tagħha, fil-kuntest usa' tal-isforz mmexxi min-NU. Hija tilqa' wkoll l-isforzi mġedda tal-Unjoni Afrikana biex tiġi indirizzata l-kriżi. F'dan ir-rigward, l-UE tilqa' d-Dikjarazzjoni ta' Brisbane tal-G20 dwar l-Ebola.

5. Il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu u l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Awwissu u Ottubru 2014, u fid-dawl tad-deterjorament kontinwu tal-epidemija tal-Ebola, il-Kunsill Ewropew ta' Ottubru ħatar lill-Kummissarju Stylianides bħala Koordinatur tal-UE għall-Ebola, wiegħed li jipprovdi EUR 1 biljun għall-isforzi fuq terminu qasir u medju, u li jżid l-għadd ta' aġenti internazzjonali tas-saħħa li jintervjenu li qed jgħinu lill-pajjiżi tar-reġjun fil-ġlieda kontra l-virus. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jieħu nota tal-progress miksub b'reazzjoni għal dawn l-impenji u l-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Rispons Komprensiv.

6. Il-Kunsill jilqa' b'mod partikolari ż-żieda rapida fl-għadd totali ta' wegħdiet għal finanzjament mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-kisba rapida tal-mira ta' EUR 1 biljun stabbilita mill-Kunsill Ewropew, u b'hekk issa l-UE b'mod kollettiv saret id-donatur ewlieni minn fost il-komunità internazzjonali. Il-Kunsill jilqa' l-offerti ta' kapaċitajiet ewlenin u donazzjonijiet in natura, inkluż l-isforz konġunt tal-UE u tal-Istati Membri li għaddej bħalissa biex jiżguraw il-twassil tal-appoġġ b'mezzi marittimi. Huwa jfakkar fil-ħtieġa li jibqa' jiġi pprovdut it-tali appoġġ għar-rispons għall-Ebola, inklużi l-kapaċitajiet strateġiċi tat-trasport bl-ajru, u jħeġġeġ lill-Istati Membri biex jużaw il-mekkaniżmi eżistenti f'dan ir-rigward.

7. Il-Kunsill ifaħħar l-għadd dejjem jikber ta' ħaddiema tas-saħħa Ewropej li qed imorru fuq il-post. Jafferma mill-ġdid l-importanza tal-iskjerament rapidu u addizzjonali fir-reġjun ta' persunal mediku u ta' appoġġ li għandu l-kwalifiki, it-taħriġ u l-esperjenza xierqa. Huwa jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jiġu kkoordinati l-approċċi rigward il-mobilizzazzjoni tal-voluntiera abbażi tal-aħjar prattiki. Jistieden lill-Istati Membri, f'kooperazzjoni diretta mal-Koordinatur tal-UE għall-Ebola, u bl-appoġġ tas-servizzi kkonċernati, biex jieħdu l-passi kollha xierqa biex jiżguraw l-iskjerament rapidu ta' tali persunal fuq bażi volontarja u biex jużaw iċ-Ċentru għal Rispons ta' Emerġenza bħala ċ-ċentru ta' koordinament (clearing house).

8. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, biex ikomplu jesploraw l-istabbiliment ta' grupp ta' riżerva ta' esperti tas-saħħa mill-Istati Membri fuq bażi volontarja għal skjerament rapidu u mmirat b'kont meħud tal-esperjenza tal-kriżi attwali u filwaqt li tittieħed nota tal-isforzi tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO). Il-ħidma dettaljata għandha tibda ladarba tkun ingħelbet il-fażi akuta tal-kriżi.

9. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Ottubru, il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li tiġi implimentata b'mod sħiħ il-garanzija ta' kura adegwata għall-aġenti internazzjonali tas-saħħa li jintervjenu, skont ir-riżorsi disponibbli sabiex tiġi żgurata l-kura tagħhom fuq l-aktar bażi xierqa. Huwa jfakkar fl-importanza ta' aktar tisħiħ tal-kapaċitajiet eżistenti għall-evakwazzjoni medika tal-aġenti internazzjonali tas-saħħa li jintervjenu, fil-livell tal-Unjoni Ewropea u, abbażi ta' każ b'każ, fil-livell tal-Istati Membri. Il-Kunsill jilqa' l-ewwel impenji mħabbra mill-Istati Membri f'dan ir-rigward.

10. Il-Kunsill jilqa' wkoll it-tisħiħ tal-istat ta' tħejjija fl-UE, u t-titjib tal-koordinazzjoni interna tal-UE fil-formulazzjoni ta' proċeduri relatati mal-evakwazzjoni medika. Huwa jilqa' wkoll l-appoġġ addizzjonali li qed jingħata mill-Kummissjoni u l-Istati Membri għall-iżvilupp ta' vaċċini u trattamenti ġodda, inkluż l-investiment ta' EUR 280 miljun imħabbar fis-6 ta' Novembru għal inizjattiva konġunta bejn l-UE u l-industrija farmaċewtika sabiex tingħata spinta lir-riċerka dwar l-Ebola u l-protokolli għall-kontroll tal-infezzjonijiet fl-isptarijiet.

11. Il-Kunsill jaqbel li jsaħħaħ il-koordinazzjoni u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar il-lakuni fl-istat ta' tħejjija reġjonali permezz ta' pjattaformi eżistenti biex jipprijoritizza r-riskji ewlenin, f'koordinazzjoni mill-qrib mal-WHO u atturi internazzjonali oħrajn.

12. Il-Kunsill jieħu nota tal-ħidma mwettqa mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u mill-Kummissjoni fl-identifikar u l-indirizzar tal-lakuni fir-rispons tagħna u fil-valutazzjoni tal-implikazzjonijiet usa' politiċi, ta' sigurtà u ekonomiċi tal-Ebola. F'dan ir-rigward, huwa jenfasizza l-importanza ta' appoġġ urġenti għall-bini mill-ġdid tas-sistemi tas-saħħa ta' dawn il-pajjiżi.

13. Barra minn hekk, il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jiġu indirizzati kwistjonijiet li huma aktar fit-tul dwar ir-reżiljenza, it-tnaqqis tal-faqar, l-impatt soċjali, il-kapaċità fis-settur tal-edukazzjoni, l-aġenda usa' tal-bini ta' paċi, kif ukoll il-ħtieġa li jiġu implimentati r-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (IHR).

14. Il-Kunsill jilqa' d-determinazzjoni murija mill-Koordinatur tal-UE għall-Ebola, biex isaħħaħ ir-rispons kollettiv u l-koordinazzjoni tal-Unjoni Ewropea u jiffaċilita l-kooperazzjoni mill-qrib man-Nazzjonijiet Uniti, l-organizzazzjonijiet reġjonali u sħab ewlenin oħrajn. Huwa jieħu nota tal-prijoritajiet tiegħu, kif ippreżentati lill-Kunsill, u s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tas-sitwazzjoni fuq il-post wara l-missjoni tal-Koordinatur tal-UE għall-Ebola Stylianides u l-Kummissarju tas-Saħħa Andriukaitis għall-Ginea, il-Liberja u Sierra Leone, mit-12 sas-16 ta' Novembru, b'mod partikolari l-ħtieġa urġenti li jiġi mobilizzat persunal addizzjonali mediku u epidemjoloġiku, biex ir-rispons jiġi adattat b'mod flessibbli għad-dinamika li qed tinbidel tal-epidemija f'xi partijiet tar-reġjun, u biex tiżgura koordinazzjoni operattiva effiċjenti fost l-atturi ewlenin fil-livell tal-pajjiż. Huwa jieħu nota wkoll tar-rieda tal-Koordinatur biex imexxi 'l quddiem il-ħidma ta' tħejjija għal laqgħa internazzjonali ta' livell għoli, li tinvolvi lin-NU, imħejjija flimkien mas-servizzi kkonċernati tal-Kummissjoni u s-SEAE kif ukoll l-Istati Membri.

15. Il-Kunsill jistieden lill-Koordinatur tal-UE għall-Ebola biex jirrapporta lura u jippreżenta aktar rakkomandazzjonijiet fil-laqgħa tiegħu li jmiss, bi tħejjija għad-diskussjoni fil-Kunsill Ewropew ta' Diċembru."

Il-Balkani tal-Punent/Il-Bosnja-Ħerzegovina

Il-Kunsill ħa kont tas-sitwazzjoni fil-Bosnja-Ħerzegovina (BiH) wara l-elezzjonijiet tat-12 ta' Ottubru. Il-Ministri ddiskutew modi u mezzi li bihom jitħeġġu r-riformi fil-BiH u l-perspettiva Ewropea għall-pajjiż, inkluż abbażi ta' inizjattivi tal-Istati Membri.

Wara d-dibattitu, ir-Rappreżentant Għoli qalet li jista' jkun hemm il-possibbiltà li jinfetaħ proċess fuq bażi ġdida mingħajr ma tiġi affettwata l-kundizzjonalità tal-proċess ta' tkabbir. Żiedet tgħid ukoll li kien hemm ftehim biex isiru passi f'din id-direzzjoni fil-jiem li ġejjin.

Libja

Il-Ministri ttrattaw l-aħħar żviluppi fil-Libja.

L-UE tappoġġa bis-sħiħ l-isforzi tar-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU, Bernardino León. Hija tibqa' impenjata li tassisti lill-poplu Libjan biex isib mezzi politiċi biex tiġi riżolta l-kriżi u tiġi żgurata l-unità, il-governanza u l-bini tal-istituzzjonijiet għal ġejjieni ta' paċi u stabbiltà għal-Libjani kollha.

Aġenzija Ewropea għad-Difiża - baġit 2015

Il-Kunsill qabel dwar l-istabbiliment tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża għall-2015 għal EUR 30.5 miljun. Ser issegwi l-adozzjoni formali tal-baġit tal-EDA.

Operazzjonijiet militari tal-UE

Il-Kunsill ħa kont tas-sitwazzjoni attwali fir-rigward tal-operazzjonijiet militari tal-UE, fil-preżenza tas-Segretarju Ġenerali tan-NATO Jens Stoltenberg.

Sitwazzjoni tas-sigurtà fil-viċinat usa' tal-UE

Il-ministri għad-difiża kellhom dibattitu dwar is-sitwazzjoni tas-sigurtà fil-viċinat usa' tal-UE mas-Segretarjat Ġenerali tan-NATO Jens Stoltenberg. L-iskambju kopra l-kriżi fl-Ukraina u fl-Iraq u s-Sirja.

Prospettivi tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni

Waqt l-ikla ta' nofsinhar, il-ministri għad-difiża ddiskutew il-prospettivi tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) tal-UE, bi tħejjija għall-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2015.

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet li ġejjin:

"1. L-ambjent tas-sigurtà tal-Ewropa qiegħed jevolvi b'mod sinifikanti, rapidu u drammatiku. Il-konflitti li għaddejjin u l-instabbiltà fil-viċinat immedjat u usa' tagħna, bħal fl-Iraq, il-Libja, is-Saħel, is-Sirja u l-Ukraina, jibqgħu kawża partikolari għal tħassib kbir. Flimkien mal-isfidi tas-sigurtà li ilhom għaddejjin u sfidi emerġenti ġodda, dawn l-iżviluppi jista' jkollhom effetti fuq terminu itwal fuq is-sigurtà Ewropea u l-paċi u l-istabbiltà internazzjonali. Huma juru wkoll ir-rabtiet mill-qrib bejn id-dimensjonijiet interni u esterni tas-sigurtà.

Għalhekk, f'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2013, il-Kunsill itenni l-istedina lir-Rappreżentant Għoli, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, biex tivvaluta l-impatt tat-tibdil fl-ambjent globali u biex, wara konsultazzjonijiet mal-Istati Membri, tirrapporta lill-Kunsill matul l-2015 dwar l-isfidi u l-opportunitajiet li jirriżultaw għall-Unjoni.

2. Barra minn hekk, il-Kunsill itenni l-ħtieġa urġenti li l-UE u l-Istati Membri tagħha jkunu jistgħu jieħdu fuqhom aktar responsabbiltajiet sabiex jaġixxu bħala fornituri tas-sigurtà, fil-livell internazzjonali u b'mod partikolari fil-viċinat, u b'hekk tissaħħaħ ukoll is-sigurtà proprja tagħhom u r-rwol strateġiku globali tagħhom billi jindirizzaw dawn l-isfidi flimkien. L-UE u l-Istati Membri tagħha, permezz tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) u politiki u strumenti oħra, għandhom rwol b'saħħtu x'jaqdu permezz tal-approċċ komprensiv uniku tagħha biex tipprevjeni u timmaniġġja l-konflitti u l-kawżi tagħhom. Barra minn hekk, il-Kunsill jenfasizza li l-protezzjoni u l-promozzjoni tal-interessi u l-valuri Ewropej ser jeħtieġu dejjem aktar li l-UE u l-Istati Membri tagħha jgħaqqdu l-isforzi tagħhom, sostnuti bil-mezzi meħtieġa u riżorsi baġitarji suffiċjenti.

Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu li jsaħħaħ il-PSDK, f'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2013 u l-Konklużjonijiet proprji tiegħu ta' Novembru 2013.

3. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tal-ħidma mas-sħab tagħha, b'mod partikolari n-NU, in-NATO, l-OSKE, u l-Unjoni Afrikana, kif ukoll is-sħab strateġiċi u pajjiżi sħab oħra fil-viċinat tagħha u aktar globalment, bir-rispett dovut għall-qafas istituzzjonali u l-awtonomija fit-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE. Huwa jinnota li għandha tingħata prijorità lill-kooperazzjoni ma' sħab li jikkondividu il-valuri u l-prinċipji komuni tal-UE u li jistgħu u huma lesti jappoġġaw l-isforzi tal-maniġġar tal-kriżijiet tal-UE.

Il-Kunsill jilqa' l-eżiti rilevanti tas-Summit tan-NATO f' Wales f'Settembru 2014. Huwa jafferma mill-ġdid ukoll l-appoġġ tiegħu għall-implimentazzjoni ulterjuri tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-appoġġ tal-PSDK għaż-żamma tal-paċi tan-NU u tad-Dikjarazzjoni tas-Summit UE-Afrika tal-2014.

4. F'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2013 dwar is-sigurtà u d-difiża, il-Kunsill itenni l-ħtieġa li jissaħħu l-effikaċja tal-PSDK u l-iżvilupp u l-manteniment tal-kapaċitajiet tal-Istati Membri, appoġġati minn Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) aktar integrata, sostenibbli, innovattiva u kompetittiva, li tikkontribwixxi wkoll għall-impjiegi, it-tkabbir u l-innovazzjoni madwar l-UE u tista' ttejjeb l-awtonomija strateġika tal-Ewropa, billi ssaħħaħ il-kapaċità tagħha li taġixxi mas-sħab. Dan jeħtieġ kooperazzjoni u koordinazzjoni sistematika fi ħdan l-UE u fost l-Istati Membri tagħha, u jissottolinja l-importanza tal-indirizzar tal-ħtieġa li jiġi sostnut infiq suffiċjenti relatat mas-sigurtà u d-difiża, u użu koerenti u effettiv ta' strumenti u politiki tal-UE.

5. Waqt li jenfasizza l-kontribut tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK għall-paċi u l-istabbiltà internazzjonali, il-Kunsill jilqa' l-iskjerament, fl-2014, tal-operazzjoni ta' unifikazzjoni militari tal-PSDK fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUFOR RCA), il-missjoni ċivili tal-PSDK fl-Ukraina (EUAM Ukraine), li l-Kunsill iddeċieda li jniedi llum, u l-progress li sar fir-rigward tat-tnedija ta' missjoni ċivili f'Mali (EUCAP SAHEL Mali). Il-Kunsill jilqa' wkoll l-azzjoni li għaddejja mid-disa' missjonijiet ċivili l-oħra tal-PSDK u l-erba' operazzjonijiet militari tal-PSDK madwar tliet kontinenti.[1] Il-Kunsill jinnota b'sodisfazzjon li matul dawn il-missjonijiet u l-operazzjonijiet ingħatat attenzjoni partikolari lill-appoġġ tad-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll l-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, u b'hekk ġew promossi l-valuri ċentrali tal-UE.

Il-Kunsill jagħraf il-ħtieġa għal approċċi komuni man-NU fir-Repubblika Afrikana Ċentrali fir-riforma tal-forzi tas-sigurtà, inklużi l-forzi armati, sabiex tiġi stabbilizzata s-sitwazzjoni b'appoġġ għall-proċess politiku. F'dan ir-rigward, huwa jirrikonoxxi l-valur miżjud ta' rwol ulterjuri potenzjali tal-UE fir-riforma tas-settur tas-sigurtà, b'appoġġ għall-isforzi tan-NU, waqt li jiġi żgurat intervent lokali, u jappella f'dan il-kuntest għall-iżvilupp ta' kunċett ta' maniġġar ta' kriżi.

6. Illum, il-Kunsill:

– qabel dwar il-passi li jmiss rigward l-inizjattiva biex jiġi appoġġat il-bini tal-kapaċitajiet tal-pajjiżi sħab u l-organizzazzjonijiet reġjonali sabiex ikunu jistgħu jipprevjenu u jimmaniġġaw il-kriżijiet huma stess, waqt li jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex, fid-dawl tal-Kunsill Ewropew f'Ġunju 2015, jippreżentaw proposta konġunta għal approċċ ta' politika għal implimentazzjoni konkreta. Din il-politika għandha tieħu kont tar-rwol u l-kompetenza tal-Istati Membri u tipproponi koordinazzjoni xierqa u mekkaniżmi ta' finanzjament, abbażi ta' valutazzjonijiet u analiżijiet tar-riskju tal-ħtiġijiet kondiviżi. Waqt li jenfasizza l-ambitu ġeografiku flessibbli tal-inizjattiva, hu jinnota li l-iżvilupp ta' din il-politika għandha tħares lejn il-każijiet pilota identifikati dwar Mali u s-Somalja, li għandhom jiġu żviluppati sa kmieni fl-2015, kif ukoll is-segwitu tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2014 rigward il-ħtieġa li tissaħħaħ l-Arkitettura Afrikana għall-Paċi u s-Sigurtà;

[1] EUBAM Libya; EUBAM Rafah; EUCAP Nestor; EUCAP SAHEL Niger; EUFOR Althea; EULEX Kosovo; EUMM Georgia; EUNAVFOR Atalanta; EUPOL Afghanistan; EUPOL COPPS; EUSEC RD Congo; EUTM Somalia u EUTM Mali.

– adotta l-Qafas ta' Politika tal-UE għad-Difiża Ċibernetika, li jiffoka fuq: l-appoġġ tal-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' difiża ċibernetika tal-Istati Membri relatati mal-PSDK; it-titjib tal-protezzjoni tan-netwerks ta' komunikazzjoni tal-PSDK li jintużaw minn entitajiet tal-UE; il-promozzjoni ta' kooperazzjoni ċivili-militari u s-sinerġiji ma' politiki ċibernetiċi usa' tal-UE, l-istituzzjonijiet u l-aġenziji rilevanti tal-UE kif ukoll mas-settur privat; it-titjib ta' opportunitajiet ta' taħriġ, edukazzjoni u eżerċitazzjonijiet; u t-titjib tal-kooperazzjoni ma' sħab internazzjonali rilevanti;

– adotta Qafas ta' Politika għal Kooperazzjoni Sistematika u fit-Tul fil-Qasam tad-Difiża. Bil-għan li tiġi approfondita l-kooperazzjoni fl-Ewropa, dan il-Qafas ta' Politika ser jiggwida l-approċċi kooperattivi tal-Istati Membri, permezz tal-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet nazzjonali tagħhom, meta jkunu qed jiżviluppaw il-kapaċitajiet ta' difiża. B'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, dan ġie ppreżentat b'koerenza sħiħa mal-proċessi ta' ppjanar eżistenti tan-NATO;

– qabel dwar il-Katalogu tal-Progress 2014, li jipprovdi valutazzjoni tan-nuqqasijiet militari kritiċi li jirriżultaw mill-proċess tal-Objettiv Primarju u l-impatt tagħhom fuq il-PSDK; dawn in-nuqqasijiet huma integrati fil-Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet rivedut maqbul mill-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, li għandu jappoġġa u jorjenta l-ippjanar tal-kapaċitajiet nazzjonali, jidentifika l-kapaċitajiet meħtieġa u jaħtaf l-opportunitajiet kollaborattivi.

7. Barra minn hekk, il-Kunsill jilqa' l-progress ulterjuri li sar fl-implimentazzjoni tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, kif irrappurtat fir-rapport tar-Rappreżentant Għoli ta' Lulju u l-pjan direzzjonali tal-Kummissjoni ta' Ġunju, u jinkoraġġixxi aktar ħidma dwar il-kwistjonijiet pendenti kollha bil-ħsieb tat-tħejjija tal-Kunsill Ewropew f'Ġunju 2015. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jenfasizza b'mod partikolari:

– l-implimentazzjoni ta' Approċċ Komprensiv tal-UE, kif jinsab fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Mejju 2014, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' Pjan ta' Azzjoni qabel tmiem l-ewwel kwart tal-2015;

– l-adozzjoni tal-Istrateġija transsettorjali dwar is-Sigurtà Marittima tal-UE mill-Kunsill f'Ġunju 2014 u l-bidla tagħha li għaddejja f'azzjonijiet konkreti, l-integrazzjoni tas-sigurtà marittima fil-politiki u l-istrateġiji tal-UE, u, fost l-oħrajn, il-promozzjoni ta' għarfien tas-sitwazzjoni komuni msaħħaħ u l-kondiviżjoni aħjar tal-informazzjoni għall-UE u l-Istati Membri tagħha, permezz ta' Pjan ta' Azzjoni li għandu jkun hemm qbil dwaru sa tmiem l-2014;

– il-ħidma li għaddejja fuq it-taħriġ, ir-rispons rapidu, l-interoperabbiltà u s-sigurtà u l-protezzjoni ta' persunal skjerat;

– l-iżvilupp tal-appoġġ konkret tal-PSDK għall-ġestjoni tal-fruntieri fir-reġjun tas-Saħel-Saħara bħala parti mill-Pjan ta' Azzjoni li jimplimenta l-istrateġija tal-UE għas-Saħel;

– it-tisħiħ tar-rabtiet bejn is-sigurtà esterna u interna, b'mod partikolari permezz ta' approċċ aktar strutturat għall-kooperazzjoni bejn il-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK u l-atturi tal-Libertà/is-Sigurtà/il-Ġustizzja, b'mod partikolari l-aġenziji tal-UE (EUROPOL, FRONTEX u CEPOL) u mal-INTERPOL kif ukoll it-tisħiħ tar-rabtiet mal-Forza tal-Ġendarmerija Ewropea. Fost l-oħrajn, dan ser jgħin biex jiġu indirizzati kwistjonijiet orizzontali importanti bħall-migrazzjoni illegali, il-kriminalità organizzata, it-terroriżmu, il-ġellieda barranin u ċ-ċibersigurtà;

– l-importanza tal-konsiderazzjoni mill-ġdid tal-oqsma ta' prijorità identifikati fil-Kunsill Ewropew ta' Feira u l-implimentazzjoni sħiħa tal-Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċità Ċivili u l-iżvilupp ulterjuri ta' għodod biex jgħinu fl-indirizzar tal-lakuni identifikati, inkluż permezz tal-finalizzazzjoni tal-proġett Goalkeeper u l-istabbiliment ta' lista ta' kompiti ġeneriċi ċivili tal-PSDK;

– id-deliberazzjonijiet li għaddejjin li jħarsu lejn il-potenzjal sħiħ tal-użu tal-Artikolu 44 TUE;

– il-valur miżjud ipprovdut miċ-Ċentru tal-Operazzjonijiet tal-UE attivat, f'konformità mal-mandat tiegħu kif rivedut, kif ukoll mal-mandati mġedda taċ-Ċentru Satellitari tal-UE u l-Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża;

– il-ħtieġa li, b'mod urġenti, isir progress dwar l-istabbiliment ta' Ċentru ta' Servizzi Kondiviżi, sabiex ikun hemm effiċjenzi akbar u jiġi rrazzjonalizzat l-għoti ta' funzjonijiet ta' appoġġ għall-missjonijiet lil missjonijiet ċivili tal-PSDK u jtejbu l-iskjerament bikri u t-tmexxija effettiva tagħhom.

8. Il-Kunsill jilqa' r-riżultati miksuba mill-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA) fl-2014, b'mod partikolari l-kontribut tagħha sabiex tissodisfa l-kompiti mill-Kunsill f'Novembru u l-Kunsill Ewropew f'Diċembru 2013.

9. Il-Kunsill jilqa' l-progress li sar mill-Istati Membri bl-appoġġ tal-EDA fil-proġetti u l-programmi ta' Akkomunament u Kondiviżjoni, b'mod partikolari fl-erba' proġetti ewlenin approvati mill-Kunsill Ewropew f'Diċembru 2013: Riforniment ta' Fjuwil fl-Ajru, Sistemi ta' Inġenji tal-Ajru Ppilotati mill-Bogħod, il-Komunikazzjoni Governattiva bis-Satellita, u ċ-Ċiberdifiża. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-Aġenzija biex tkompli tidentifika opportunitajiet għal kooperazzjoni dwar il-kapaċitajiet ta' difiża abbażi tal-Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet li ġie rivedut dan l-aħħar; u sabiex tappoġġa proġetti ta' kooperazzjoni permezz ta' abilitaturi u inċentivi. F'dan il-kuntest, huwa jinnota l-progress fil-ħidma dwar miżuri fiskali li ma joħolqux distorsjoni fis-suq u l-akkomunament tal-akkwist, f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, qabel il-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2015. Il-Kunsill jinkoraġġixxi sinerġiji fejn possibbli mal-politiki u l-istrumenti tal-UE b'appoġġ għal programmi u inċentivi.

10. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Aġenzija biex tkompli tappoġġa l-impenn tal-Istati Membri mal-Kummissjoni dwar kwistjonijiet rilevanti. Il-Kunsill jilqa’ l-ħidma tal-Kummissjoni rigward l-Azzjoni Preparatorja dwar riċerka relatata mal-PSDK, li tlaqqa’ flimkien lill-Istati Membri, l-EDA u s-SEAE, li tista’ twassal għal programm ta’ riċerka usa’ b’appoġġ għall-PSDK, u jappella għal aktar progress. Il-Kunsill jilqa’ r-rwol tal-Aġenzija fl-appoġġ lill-Istati Membri parteċipanti fl-indirizzar tal-implikazzjonijiet possibbli għad-difiża ta' politiki oħra tal-UE, inkluż potenzjalment l-aġir bħala l-interfaċċja militari għall-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew (SES) u r-Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR) għall-qasam militari, u l-Politika Ewropea dwar l-Ispazju. Il-Kunsill itenni l-ħtieġa li jiġu massimizzati s-sinerġiji b'użu doppju fir-Riċerka u t-Teknoloġija, f’konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta’ Diċembru 2013.

11. Filwaqt li jissottolinja l-importanza tal-EDTIB, il-Kunsill jilqa' l-azzjonijiet tal-EDA u tal-Kummissjoni sabiex: (i) itejbu s-sigurtà tal-provvista, b'mod partikolari permezz tal-iżvilupp mill-Kummissjoni, waqt li taħdem mal-Istati Membri u f'kooperazzjoni mar-Rappreżentant Għoli u l-EDA, ta' pjan direzzjonali għal reġim komprensiv tas-sigurtà tal-provvista fl-UE kollha; (ii) jappoġġaw l-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju fis-settur tas-sigurtà u tad-difiża inkluż l-aċċess għall-programmi ta' finanzjament mill-UE u swieq transkonfinali, inkluż permezz tal-istabbiliment ta' grupp konsultattiv; u (iii) itejbu l-kosteffettività u l-effiċjenza tas-suq Ewropew tas-sigurtà u d-difiża; u (iv) jappoġġaw il-bażi teknoloġika u industrijali Ewropea, inkluż biex itejbu l-kompetittività tagħha fis-suq globali. Il-Kunsill ifakkar li dawn l-isforzi għandhom ikunu inklużivi ma' opportunitajiet għall-industrija tad-difiża fl-UE, ibbilanċjati u f'konformità sħiħa mal-liġi tal-UE.

12. Il-Kunsill jissottolinja li l-konklużjonijiet tiegħu fir-rigward tat-titjib tal-iżvilupp tal-kapaċità militari u t-tisħiħ tal-industrija tad-difiża indirizzati lill-EDA jikkostitwixxu l-linji gwida tal-Kunsill għall-EDA għall-ħidma tagħha fl-2015, fi ħdan il-kuntest tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tiddefinixxi l-istatut, is-sede u r-regoli operattivi tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/411/PSDK tat-12 ta' Lulju 2011).

* * *

13. F’Mejju 2015, il-Kunsill ser jadotta konklużjonijiet dwar il-PSDK bil-ħsieb li jippermetti lill-Kunsill Ewropew jieħu kont tal-progress u jipprovdi aktar gwida f’Ġunju 2015. Għal dan l-għan, huwa jistieden lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli u lill-EDA biex jirrapportaw dwar il-progress u jipprovdu l-kontribut dettaljat tagħhom sa April 2015."

PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI

AFFARIJIET BARRANIN

Ġeorġja - Pjan ta' Azzjoni dwar il-Liberalizzazzjoni tal-Viża

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet li ġejjin dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Liberalizzazzjoni tal-Viża għall-Ġeorġja:

"1. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn tal-UE għall-objettiv kondiviż tal-ivvjaġġar mingħajr viża għaċ-ċittadini tal-Ġeorġja dment li jkunu fis-seħħ il-kondizzjonijiet kollha għal mobbiltà b'ġestjoni tajba u b'sigurtà kif stipulati fil-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Liberalizzazzjoni tal-Viża.

2. F'dan il-kuntest, huwa jilqa' t-tieni rapport ta' progress tal-Kummissjoni tad-29 ta' Ottubru 2014 dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Liberalizzazzjoni tal-Viża mill-Ġeorġja. Il-Kunsill jilqa' wkoll il-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar impatti possibbli migratorji u ta' sigurtà fuq l-Unjoni Ewropea tal-liberalizzazzjoni futura tal-viża għall-Ġeorġja, u jissottolinja l-importanza tagħha fil-proċess ta' implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Liberalizzazzjoni.

3. Il-Kunsill jikkondividi l-analiżi li l-Ġeorġja laħqet il-punti ta' riferiment kollha fl-ewwel fażi tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Liberalizzazzjoni tal-Viża u jiddeċiedi li jagħti bidu għall-valutazzjoni tal-punti ta' riferiment fit-tieni fażi. F'dan ir-rigward il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa għall-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-punti ta' riferiment kollha fit-tieni fażi u ser jagħtiha attenzjoni partikolari.

4. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tkompli tappoġġa lill-Ġeorġja fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Liberalizzazzjoni tal-Viża, kif ukoll biex tkompli tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tiegħu, inkluż l-aġġornament tal-impatt possibbli migratorju u ta' sigurtà, bil-għan li tittieħed deċiżjoni dwar il-kisba tal-punti ta' riferiment kollha tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Liberalizzazzjoni tal-Viża."

Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ġeorġja

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-UE għall-ewwel laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ġeorġja wara l-iffirmar tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ġeorġja u l-bidu tal-applikazzjoni proviżorja tiegħu.

Relazzjonijiet mal-Ġeorġja u r-Repubblika tal-Moldova

Il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tal-UE fi ħdan il-Kunsilli ta' Assoċjazzjoni mal-Ġeorġja u r-Repubblika tal-Moldova. Din il-pożizzjoni tikkonċerna l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsilli ta' Assoċjazzjoni, tal-Kumitati ta' Assoċjazzjoni u tas-Sottokumitati, l-istabbiliment ta' żewġ Sottokumitati u d-delegazzjoni ta' ċerti setgħat mill-Kunsilli ta' Assoċjazzjoni lill-Kumitati ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ.

Ukraina - miżuri restrittivi

Il-Kunsill aġġorna l-informazzjoni dwar persuna fil-mira ta' miżuri restrittivi tal-UE dwar azzjoni kontra l-integrità territorjali tal-Ukraina.

Kunsill ta' Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Repubblika Kirgiża

Il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tal-UE għat-tlettax-il laqgħa tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Repubblika Kirgiża fit-18 ta' Novembru.

POLITIKA TA' SIGURTÀ U TA' DIFIŻA KOMUNI

Missjoni ta’ konsulenza tal-UE għall-Ukraina

Il-Kunsill iddeċieda li jniedi missjoni ta’ konsulenza tal-UE għal riforma tas-settur tas-sigurtà ċivili tal-Ukraina (EUAM Ukraine) fl-1 ta’ Diċembru 2014. Fl-istess waqt, alloka baġit ta’ EUR 13.1 m għall-ewwel 12-il xahar tal-mandat ta’ sentejn tal-missjoni. Għal aktar dettalji, ara l-istqarrija għall-istampa.

Kapaċitajiet militari tal-UE

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport uniku ta' progress dwar l-iżvilupp tal-kapaċitajiet militari tal-UE fil-perijodu minn Novembru 2013 sa Ottubru 2014.

Rapport mill-Kap tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport mill-Kap tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża lill-Kunsill. L-aġenzija tirrapporta dwar l-attivitajiet tagħha fl-oqsma tal-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta’ difiża, l-istimulazzjoni tar-riċerka relatata, it-tisħiħ tal-bażi industrijali Ewropea għad-difiża kif ukoll għas-sħubiji.

Qafas ta' Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża

Il-Kunsill adotta qafas ta' politika tal-UE dwar iċ-ċiberdifiża. Dan jiffoka fuq azzjonijiet li jappoġġaw l-iżvilupp tal-kapaċitajiet taċ-ċiberdifiża tal-Istati Membri li jistgħu jitqiegħdu għad-disponibbiltà tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK. Il-qafas jistabbilixxi wkoll passi biex tittejjeb il-protezzjoni tan-netwerks ta’ komunikazzjoni tal-PSDK ġestiti mill-istituzzjonijiet tal-UE. Dan ser jikkonferma azzjonijiet biex tissaħħaħ ir-riċerka (f’kooperazzjoni mas-settur privat u l-akkademja), il-ġbir u l-kondiviżjoni tat-taħriġ taċ-ċiberdifiża u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni man-NATO.

Qafas ta' Politika għall-Kooperazzjoni Sistematika u fit-Tul fil-Qasam tad-Difiża

Il-Kunsill adotta qafas ta' politika għal kooperazzjoni sistematika u fit-tul fil-qasam tad-difiża. F’dan il-qafas, l-Istati Membri jesprimu l-impenn tagħhom li japprofondixxu l-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża, bid-definizzjoni tar-rekwiżiti u l-iffissar tal-prijoritajiet permezz ta’ appoġġ fis-servizz sar-rimi. L-approċċi ta’ kooperazzjoni ser ikunu ggwidati fost oħrajn permezz ta’ aktar kondiviżjoni ta’ informazzjoni, l-identifikazzjoni konġunta ta’ nuqqasijiet u l-iffissar tal-prijoritajiet kif ukoll l-integrazzjoni tal-kooperazzjoni fl-ippjanar tad-difiża nazzjonali.

<u>ŻONA EKONOMIKA EWROPEA</u>

It-42 laqgħa tal-Kunsill ŻEE

Il-Kunsill stabbilixxa l-pożizzjoni komuni tal-Unjoni Ewropea għat-42 laqgħa tal-Kunsill taż-Żona Ekonomika Ewropea, li ser issir fi Brussell fid-19 ta' Novembru 2014.